**STQARRIJA MINISTERJALI MAGĦMULA MILL-MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL, L-ONOR. EVARIST BARTOLO, FIS-SEDUTA 141 TAT-8 TA' OTTUBRU 2018**

Inkun qed nesprimi s-sentiment ta' sodisfazzjoni tal-pajjiż in ġenerali meta ngħid li llum kienet ġurnata normali ta' skola.

Il-Ħamis, 4 ta' Ottubru 2018 filgħaxija l-Gvern iddeċieda li bħala ġest ta' rieda tajba jirtira t-tliet abbozzi ta' liġi dwar l-edukazzjoni li partijiet minnhom irriżulta li ma kienx hemm qbil fuqhom. Dan kien preċiżament dak li talbet il-Malta Union of Teachers meta sejħet strajk fil-qasam edukattiv għal-lum it-Tnejn, 8 ta' Ottubru.

Din id-deċiżjoni ġiet komunikata lill-Malta Union of Teachers fil-laqgħa ta' konċiljazzjoni li saret il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru filgħodu. Dakinhar stess wara nofsinhar jiena ktibt lill-President tal-Kamra tad-Deputati biex ninformah li l-Gvern qed jirtira b'effett immedjat l-abbozzi tal-liġi 53, 54 u 55 tal-2018 dwar l-edukazzjoni. Fl-istess waqt ktibt lill-President tal-Malta Union of Teachers biex ninformah b'dan il-pass u appellajtlu biex għall-ġid tal-istudenti, l-edukaturi, il-ġenituri u l-pajjiż kollu biex jikkunsidra jirtira l-azzjoni industrijali ta' strajk li kellu jsir illum. Qed inqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra kopja tal-korrispondenza lill-President tal-Kamra tad-Deputati u lill-President tal-Malta Union of Teachers.

Is-Sibt, 6 ta' Ottubru filgħodu saret laqgħa ta' xogħol bejn il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u l-Malta Union of Teachers li fiha ġew diskussi aspetti ta' dawn il-liġijiet proposti kif ukoll temi oħra importanti fil-qasam edukattiv. Iż-żewġ partijiet iddiskutew ukoll kif ser naħdmu aħjar fiż-żmien li ġej. Abbażi ta' dan l-istrajk li kellu jsir illum ma sarx. Nirringrazzja lill-Malta Union of Teachers għal dan il-pass li ħadet għall-ġid komuni.

Għalhekk illum fl-ewwel opportunità li għandi quddiem il-Parlament qed nirtira formalment it-tliet abbozzi tal-liġi 53, 54 u 55 tal-2018 dwar l-edukazzjoni.

Nirringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom b'mod responsabbli biex tefgħu l-ilma flok il-ħatab fuq in-nar.

Nerġa' nieħu l-opportunità biex mhux biss bħala Ministru izda bħala Gvern nirringrazzjaw lill-edukaturi kollha li tant jagħmlu sagrifiċċji għall-ġid tat-tfal tagħna u tas-soċjetà Maltija. Nerġa' ngħid li kummenti dispreġġattivi kontra l-edukaturi huma inaċċettabbli.

Inħarsu 'l quddiem għal paġna ġdida ta' ħidma favur it-tfal, l-edukaturi, il-ġenituri u l-pajjiż.